

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: AHP Manufacturing BV

Konvenuti: Bureau voor de Industriële Eigendom (Uffiċċju għall-Proprietà Industrijali), li jopera wkoll bl-isem Octrooicentrum Nederland (Ċentru Olandiż għall-Privattivi)

Domandi preliminari

- 1) Ir-Regolament tal-Kunsill ⁽¹⁾ (KEE) Nru 1768/92, tat-18 ta' Ġunju 1992, dwar il-ħolqien ta' ċertifikat ta' protezzjoni supplementari għal prodotti mediċinali (ĠU L 182, p. 1, kif emendat sussegwentement), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1)(c) tiegħu, jipprekludi li jingħata ċertifikat lid-detentur ta' privattiva bażika għal prodott li fir-rigward tiegħu jkun diġà ngħata ċertifikat jew diversi ċertifikati lil detentur jew lil diversi detenturi ta' privattiva jew ta' diversi privattivi bażiċi oħra fil-mument tal-preżentazzjoni ta' l-applikazzjoni għal ċertifikat?
- 2) Ir-Regolament (KE) Nru 1610/96 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, tat-23 ta' Lulju 1996, dwar il-ħolqien ta' kull ċertifikat supplementari ta' ħarsien għall-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 198, p. 30, kif emendat sussegwentement), u b'mod aktar partikolari s-17-il premessa u t-tieni sentenza ta' l-Artikolu 3(2), iwassal għal rispostha differenti għall-ewwel domanda?
- 3) Sabiex tingħata rispostha għad-domandi preċedenti, huwa rilevanti li l-applikazzjoni li tkun ippreżentata l-aħħar, l-istess bħall-applikazzjoni jew l-applikazzjonijiet preċedenti, tkun ġiet ippreżentata fit-terminu previst fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 1768/92, pjuttost milli fit-terminu previst fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1768/92?
- 4) Sabiex tingħata rispostha għad-domandi preċedenti, huwa rilevanti li l-perijodu ta' protezzjoni mogħtija mill-ħruġ ta' ċertifikat taħt l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1768/92 jiskadi fl-istess mument bħal jew f'mument aktar tard mill-perijodu ta' protezzjoni mogħtija minn ċertifikat jew minn diversi ċertifikati li jkunu diġà ngħataw għall-istess prodott?
- 5) Sabiex tingħata rispostha għad-domandi preċedenti, huwa rilevanti li r-Regolament (KE) Nru 1768/92 ma jippreċiżax it-terminu li fih l-awtoritajiet kompetenti skond l-Artikolu 9(1) tar-Regolament għandhom jeżaminaw l-applikazzjoni għal ċertifikat u eventwalment joħroġuh, ħaġa din li twassal għal differenza fil-ħeffa ta' l-ipproċessar ta' l-applikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri li tista' tkun is-sors ta' differenzi fil-possibbiltà li jinħareġ ċertifikat?

⁽¹⁾ ĠU L 182, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 198, p. 30.

Appell imressaq fil-5 ta' Novembru 2007 minn Galileo Lebensmittel GmbH & Co. KG kontra d-digriet mogħti mill-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tieni Awla) fit-28 ta' Awwissu 2007 fil-kawża T-46/06, Galileo Lebensmittel GmbH & Co. KG vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

(Kawża C-483/07 P)

(2008/C 8/13)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Galileo Lebensmittel GmbH & Co. KG (rappreżentant: K. Bott, avukat)

Parti oħra fil-kawża: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrenti

1. Tannulla d-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tat-28 ta' Awwissu 2007 u
2. tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta li tirriżerva l-isem tad-dominju "galileo.eu";
3. tordna lill-konvenuta tbatli l-ispejjeż ta' dan l-appell u tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza;
4. sussidjarjament biss għat-talbiet 2) u 3), tordna li l-proċeduri jiġu rrinvjati quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u tordna lill-konvenuta tbatli l-ispejjeż ta' dan l-appell.

Motivi u argumenti prinċipali

Permezz ta' dan l-appell ir-rikorrenti ssostni li seħħ ksur tad-dritt Komunitarju (l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 58(1) ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja), jiġifieri, tar-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 230 KE. Skond ir-rikorrenti, il-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet dan il-ksur meta kkunsidrat ir-rikors tar-rikorrenti inammisibbli għar-raġuni li d-deċiżjoni tal-konvenuta li tirriżerva għaliha l-isem tad-dominju "galileo.eu", ikkontestata mir-rikorrenti, ma "tikkonċernax individwalment" lir-rikorrenti. Fid-dawl tad-drittijiet tagħha marbuta mat-trade mark verbali Ġermaniż "Galileo", meħuda in kunsiderazzjoni l-pożizzjoni ġuridika tagħha fir-rigward tal-proċedura għar-reġistrazzjoni skond ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 874/200, kif ukoll fid-dawl tal-fatt li l-isem tad-dominju "galileo.eu" huwa oġġett b'valur ekonomiku li jista' jiġi kkummerċjalizzat u li jista' jingħata darba waħda biss, ir-rikorrenti tqis li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirriżerva għaliha l-isem tad-dominju "galileo.eu" tikkonċernaha individwalment fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.